bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Mario Spiteri, iben
Charles, imwieled
Attard fl-14 ta'
ġunju, 1975

Illum, 15 ta' novembru, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazjoni kontra l-imputat -
1. talli matul dawn l-aħħar xhur f'dawn il-Gżejjer, u cioe' fiż-żmien ta' diċembru, 2000 jew wara kkometta serq ta' dgħajsa tal-fibre glass, liema serq hu ta' aktar minn mitt lira maltin iżda ma jeċċedix il-ħames mitt lira maltin, a detriment ta' Martin Zerafa mill-Qawra u Michael Bonnici minn Ħaż-Żebbuġ, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-ħin, bil-lok u bix -xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur, xjentement, u cioe' fiż-żmien ta' diċembru, 2000 jew wara laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda
b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal sabiex ibiegħ jew imexxi dawn l-oġġetti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' novembru, 2001 fejn l-imputat ammetta
l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberaħ mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(e)(f)(g), 267, 269(e), 270, 271(d) u 281(b)
tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta
bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.